ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 326

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

20 ta' Diċembru 2008

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| | I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet* | |
| | RIŻOLUZZJONIJIET | |
| | **Kunsill** | |
| 2008/C 326/01 | Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gverinijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-istabbiliment ta' Netwerk għal kooperazzjoni leġislattiva bejn il-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ........ | 1 |
| | II *Komunikazzjonijiet* | |
| | FTEHIM INTERISTITUZZJONALI | |
| | **Kunsill** | |
| 2008/C 326/02 | Abbozz ta' emenda tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ........ | 3 |
| | KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA | |
| | **Kummissjoni** | |
| 2008/C 326/03 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5345 — Terex Corporation/Fantuzzi Group) [1] ........ | 4 |
| 2008/C 326/04 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5383 — Salzgitter/Norddeutsche Affinerie) [1] ........ | 4 |

MT



[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2008/C 326/05 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5369 — Sodexo/Zehnacker) (1) | 5 |
| 2008/C 326/06 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5400 — LCR/EXEL/Argent) (1) | 5 |
| 2008/C 326/07 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5397 — Veolia Transport/SNCM) (1) | 6 |
| 2008/C 326/08 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5093 — DP World/Conti 7/ Rickmers/DP World Breakbulk/JV) (1) | 6 |

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kunsill**

| | | |
|---|---|---|
| 2008/C 326/09 | Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi għall-2009-2012 | 7 |

**Kummissjoni**

| | | |
|---|---|---|
| 2008/C 326/10 | Rata tal-kambju ta' l-euro | 26 |

**Ombudsman Ewropew**

| | | |
|---|---|---|
| 2008/C 326/11 | Rapport Annwali 2007 | 27 |
| 2008/C 326/12 | Dispożizzjonijiet implementattivi | 28 |


**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# KUNSILL

## Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gverinijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-istabbiliment ta' Netwerk għal kooperazzjoni leġislattiva bejn il-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

(2008/C 326/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL- ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

Billi:

1. L-għarfien tal-leġislazzjoni ta' Stati Membri oħrajn kif ukoll ta' ċerti pajjiżi terzi huwa għodda essenzjali għall-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari għall-abbozzar ta' leġislazzjoni u għat-traspożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea li ġeneralment taqa' fl-ambitu tal-kompetenza tagħhom, inkluż partikolarment il-liġi ċivili u kriminali, dejjem billi wieħed iżomm f'moħħu li l-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Istati Membri għandhom kompetenzi li jvarjaw.

2. Il-kisba ta' informazzjoni tista' tkun imprevedibbli u kkumplikata.

3. Il-Ministeri tal-Ġustizzja għandhom informazzjoni preċiża ħafna dwar il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, dwar il-ġurisprudenza relatata tagħhom u dwar ir-riformi prinċipali li għaddejjin.

4. Bil-għan li l-Ministeri tal-Ġustizzja jingħataw aċċess effettiv għall-leġislazzjoni nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn, għandu jiġi stabbilit netwerk ta' kooperazzjoni leġislattiva.

5. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea għandha l-objettiv li tipprovdi liċ-ċittadini tagħha spazju ta' ġustizzja, libertà u sigurtà. Il-ħolqien ta' dan l-ispazju għandu jkun iffaċilitat b'għarfien reċiproku aħjar tas-sistemi ġudizzjarji u legali tal-Istati Membri u l-leġislazzjoni tagħhom, kif ukoll bl-iskambju ta' informazzjoni dwar proġetti ta' riforma legali.

6. Il-ħolqien ta' "Netwerk għal kooperazzjoni leġislattiva bejn il-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea" għandu jikkontribwixxi għall-kisba ta' dak l-objettiv u għall-promozzjoni ta' intendiment aħjar tal-liġijiet tal-Istati Membri l-oħrajn, li min-naħa tiegħu huwa wieħed mill-mezzi biex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka u jiffavorixxi l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Huwa għandu jippermetti wkoll li jitwettqu studji dwar il-liġi komparattiva dwar kwistjonijiet leġislattivi jew legali attwali li għandhom jitwettqu b'mod konġuni mill-Ministeri tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN IR-RIŻOLUZZJONI:

(1) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu gradwalment "Netwerk għal kooperazzjoni leġislattiva bejn il-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "in-Netwerk". Il-parteċipazzjoni fin-Netwerk tkun fuq bażi volontarja.

(2) 1. Il-kompitu tan-Netwerk għandu jkun li jiżdied l-aċċess għall-informazzjoni miżmuma mill-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea dwar il-leġislazzjoni fis-seħħ, dwar is-sistemi ġudizzjarji u legali, u dwar proġetti prinċipali ta' riforma legali. B'mod partikolari, għandu jippermetti:

   (a) li fuq talba, jipprovdi lill-membri tan-Netwerk b'informazzjoni koerenti u aġġornata dwar il-leġislazzjonj u bi ġurisprudenza dwar suġġetti magħżulin;

   (b) li jingħata aċċess għar-riżultati tar-riċerka dwar il-liġi komparattiva mwettqa mill-Ministeri tal-Ġustizzja ta' kull Stat f'oqsma tal-liġi li ġeneralment jaqgħu fl-isfera ta' kompetenza ta' dawk il-Ministeri, inkluż fil-kuntest ta' riformi mwettqin mill-Istati Membri jew it-traspożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea;

   (c) li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar proġetti maġġuri ta' riforma legali, filwaqt li jikkonforma mal-obbligu tal-kunfidenzjalità li huma marbutin bih il-korpi tal-Istati.

   2. M'għandu jkun hemm l-ebda obbligu li tiġi pprovduta traduzzjoni tad-dokumentazzjoni li tingħata.

(3) In-Netwerk għandu jkun appoġġat minn amministratur li hu responsabbli mill-operazzjoni amministrattiva u teknika tan-Netwerk. Sakemm jinħatar tali amministratur, Stat Membru inizjalment ikun responsabbli mill-operazzjoni amministrattiva u teknika tan-Netwerk.

(4) Kull Stat Membru għandu jaħtar korrispondent, preferibbilment fil-Ministeru tal-Ġustizzja. Madankollu, kull Stat Membru għandu jaħtar numru limitat ta' korrispondenti oħra jekk dan ikun meqjus meħtieġ minħabba l-eżistenza ta' sistemi legali separati jew id-distribuzzjoni domestika ta' kompetenzi.

(5) Kull Stat Membru għandu jinforma lill-amministratur tan-Netwerk dwar:

(a) il-kunjom, l-isem u l-pożizzjoni tal-korrispondent(i);

(b) l-għarfien tal-lingwa ta' kull korrispondent; u

(c) il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni disponibbli għall-korrispondent(i), bin-numri (tat-telefon) u l-indirizzi (tal-posta elettronika) eżatti eċċ.

Kull Stat Membru għandu jinforma lill-amministratur tan-Netwerk dwar kwalunkwe bidla rigward id-data tal-korrispondent(i) tiegħu kif previst skont dan il-paragrafu.

(6) Korrispondent għandu jibgħat talba, preferibbilment b'mezzi elettroniċi, lill-korrispondent(i) adatt(i) ta' Stat membru ieħor jew ta' Stati membri oħra. Il-korrispondent għandu wkoll jibgħat kopja tat-talba lill-amministratur tan-Netwerk.

(7) Il-korrispondent għandu jiżgura li t-talba mibgħuta:

— taqa' fl-isfera ta' kompetenza tal-Ministeru tal-Ġustizzja tiegħu, jew tikkonċerna kwistjonijiet li ġeneralment jaqgħu fil-kompetenza tal-Ministeri tal-Ġustizzja, bħal-liġi ċivili u kriminali,

— hija fformulata b'mod preċiż,

— ma timponix piż ta' ħidma irraġonevoli fuq il-korrispondenti l-oħrajn u/jew id-dipartimenti tal-Ministeri tal-Ġustizzja li jiffurmaw in-Netwerk.

(8) Il-korrispondenti li taslilhom tali talba għandhom jagħmlu ħilithom kollha li jwieġbu għal dik it-talba f'perijodu raġonevoli, mingħajr obbligu li jipprovdu traduzzjoni tad-dokumentazzjoni mogħtija, bħal testi leġislattivi, (abbozz ta') leġislazzjoni, rapporti u studji.

Jekk il-korrispondent li lilu tkun intbagħtet it-talba mhuwiex f'pożizzjoni li jweġibha, hu jew hi għandhom jgħaddu t-talba lill-awtorità kompetenti li tkun tista' tagħmel dan, u jinfurmaw lill-korrispondent rikjedenti dwar dan.

Fejn ma jkunx possibbli li korrispondent jwieġeb għal talba jew li jidentifika minnufih l-awtorità kompetenti, hu jew hi għandhom jinfurmaw lill-korrispondent rikjedenti.

(9) It-tweġibiet mogħtijin minn korrispondent għandhom ikunu aċċessibbli għan-Netwerk kollu, soġġetti għall-qbil tal-korrispondent li lilu kienet indirizzata t-talba.

(10) Biex jiġi ffaċilitat l-operat prattiku tan-Netwerk, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-korrispondent(i) tiegħu ikollu għarfien adegwat ta' lingwa tal-Unjoni Ewropea apparti minn dak tal-lingwa nazzjonali tiegħu(tagħhom), b'kont meħud tal-ħtieġa li għandu jkun jista' jikkomunika mal-korrispondenti fl-Istati Membri l-oħrajn.

(11) Il-laqgħat tal-korrispondenti għandhom ikunu organizzati meta jkun adatt. Tali laqgħat għandhom jinfetħu għal udjenza akbar għall-fini li jiġu analizzati suġġetti magħżula mill-perspettiva tal-liġi komparattiva, sabiex jiġi kkonsolidat in-Netwerk u jitrawwem l-iskambju ta' ideat u esperjenzi fost il-membri.

(12) Biex ikunu ffaċilitati l-iskambji, in-Netwerk u l-korrispondenti tiegħu għandhom jużaw l-opportunitajiet l-aktar adegwati li joffru l-komunikazzjoni moderna u t-teknoloġiji informatiċi, b'mod partikolari f'konformità mal-iżvilupp reċenti tal-Ġustizzja Elettronika Ewropea.

(13) Jekk meħtieġ, in-Netwerk għandu jingħata forma legali adegwata.

(14) In-Netwerk għandu jiżviluppa linji gwida interni dwar arranġament prattiċi għall-operazzjoni tiegħu, inklużi l-kwistjonijiet lingwistiċi.

(15) Il-Kummissjoni Ewropea tista' tkun mistiedna tipparteċipa fin-Netwerk.

(16) Il-Kunsill għandu jirrevedi l-applikazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni sa mhux aktar tard minn tliet snin wara l-adozzjoni tagħha. Tali reviżjoni għandha fost oħrajn tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) il-proċess ta' żvilupp, ir-regoli ta' amministrazzjoni, il-kisbiet u l-funzjonament prattiku tan-Netwerk;

(b) is-sitwazzjoni finanzjarja tan-Netwerk;

(c) il-possibiltà li jingħata aċċess lill-Istati terzi u l-missjonijiet tal-PESD għall-informazzjoni li diġà hija disponibbli fin-Netwerk.

Fid-dawl tar-riżultati ta' tali reviżjoni, għandhom jittieħdu l-miżuri adatti sabiex tittejjeb aktar is-sitwazzjoni jekk u fejn hu meħtieġ.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# FTEHIM INTERISTITUZZJONALI

# KUNSILL

## Abbozz ta' emenda tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda

(2008/C 326/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA U L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi:

(1) L-iżviluppi reċenti fil-prezzijiet tal-ikel u l-materja prima qajmu tħassib speċjalment fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq il-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw. Il-Kummissjoni pproponiet li toħloq faċilità ġdida għar-rispons fil-pront għall-prezzijiet għoljin ħafna fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw [1] u ż-żewġ għanijiet ta' awtorità baġetarja, waqt il-ftehim ta' konċiljazzjoni tal-21 ta' Novembru 2008, qablu li jipprovdu parti mill-finanzjament ta' din il-faċilità mir-Riżerva tal-Għajnuna f'Emerġenza.

(2) Minħabba li l-ammont li fadal mir-Riżerva tal-Għajnuna f'Emerġenza għas-sena 2008 m'huwiex biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet tal-faċilità tal-ikel, hemm bżonn ta' żieda sabiex ir-Riżerva tkun tista' tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-faċilità tal-ikel.

(3) Sabiex tiġi indirizzata dik is-sitwazzjoni eċċezzjonali r-Riżerva tal-Għajnuna f'Emerġenza għandha tiżdied għal EUR 479,218 miljun fi prezzijiet kurrenti, unikament u eċċezzjonalment għas-sena 2008.

(4) Punt 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġetarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda għandu għalhekk jiġi emendat skont il-ħtieġa,

ftiehmu kif ġej:

F'punt 25 is-sentenza li ġejja għandha tiżdied mal-ewwel subparagrafu:

"Dan l-ammont għandu jiġi miżjud eċċezzjonalment għal EUR 479,218 miljun għas-sena 2008 fi prezzijiet kurrenti."

Magħmul fi Strasbourg, 18 ta' Diċembru 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
|---|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* | *Il-President* |
| Hans-Gert POETTERING | Eric WOERTH | Dalia GRYBAUSKAITE |

[1] COM(2008)0450 — 2008/0149(COD).

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5345 — Terex Corporation/Fantuzzi Group)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 326/03)

Fid-19 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5345. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

---

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5383 — Salzgitter/Norddeutsche Affinerie)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 326/04)

Fil-15 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5383. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

---

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5369 — Sodexo/Zehnacker)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 326/05)

Fl-4 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5369. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5400 — LCR/EXEL/Argent)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 326/06)

Fis-16 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5400. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5397 — Veolia Transport/SNCM)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 326/07)

Fl-4 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Franċiż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5397. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.5093 — DP World/Conti 7/Rickmers/DP World Breakbulk/JV)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 326/08)

Fit-18 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5093. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUNSILL

## Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi għall-2009-2012

(2008/C 326/09)

### Introduzzjoni

Id-drogi illeċiti huma preokkupazzjoni ewlenija għaċ-ċittadini tal-Ewropa, theddida prinċipali għas-sigurtà u s-saħħa tas-soċjetà Ewropea u theddida għall-kondizzjonijiet tal-għajxien mad-dinja kollha.

F'Diċembru 2004, il-Kunsill Ewropew approva b'mod unanimu l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi għall-2005-2012 ([1]), li timmira lejn il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni, benesseri u koeżjoni soċjali permezz tal-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-użu tad-drogi.

L-adozzjoni tal-Istrateġija fiha nnifisha kienet sinjal ċar li t-tħassib politiku dwar id-drogi fl-Unjoni Ewropea kollha jmur lil hinn mid-differenzi li jeżistu fl-approċċ użat fl-Istati Membri. L-Istrateġija, implimentata permezz ta' żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE suċċessivi kontra d-Drogi, ikkonfermat li l-Istati Membri kollha jissottoskrivu għall-istess sett ta' prinċipji bażiċi: li għandu jkun hemm approċċ ibbilanċjat lejn it-tnaqqis tal-provvista u d-domanda għad-drogi, li jkun ibbażat l-ewwel u qabel kollox fuq il-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-UE u li jkun jirrispetta b'kull mod il-valuri fundaturi tal-Unjoni: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. L-Istrateġija u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tagħha jimmiraw li jipproteġu u jtejbu l-benesseri tas-soċjetà u tal-individwu, li jipproteġu s-saħħa pubblika, li joffru livell għoli ta' sigurtà għall-pubbliku ġenerali. Dan għandu jkun akkumpanjat minn miżuri orizzontali fejn il-politika dwar id-drogi tkun ibbażata fuq data affidabbli fir-rigward tan-natura u l-limitu tal-problema, fuq koordinazzjoni u kooperazzjoni — dejjem aktar — transkonfinali mal-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u lejhom. L-Istrateġija u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tagħha huma bbażati wkoll fuq il-Konvenzjonijiet rilevanti tan-NU, li huma strumenti legali prinċipali biex tiġi indirizzata l-problema dinjija tad-drogi.

L-Istrateġija dwar id-Drogi tipprovdi wkoll il-qafas għal żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni konsekuttivi ta' erba' snin il-wieħed. L-ewwel **Pjan ta' Azzjoni (2005-2008)** ([2]) stabbilixxa aktar minn 80 azzjoni biex jgħinu fil-koordinazzjoni tal-oqsma prinċipali ta' intervent mill-gvern fil-qasam tad-drogi illegali, li jkopru s-saħħa pubblika, l-infurzar tal-liġi, id-dwana, il-ġustizzja kriminali u r-relazzjonijiet esterni. Filwaqt li l-implimentazzjoni hija ta' spiss ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha rwol attiv fil-faċilitazzjoni u l-evalwazzjoni tal-ħidma li tkun qiegħda ssir, minbarra li tissorvelja l-leġislazzjoni ta' kontra d-droga, bħad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI dwar it-Traffikar ta' Drogi Illeċiti, fir-rigward ta' liema ser tirrapporta f'nofs l-2009. Barra minn hekk, iggwidata mil-lezzjonijiet mitgħallma f'dawn l-aħħar erba' snin, il-Kummissjoni issa qed tipproponi Pjan ta' Azzjoni ieħor (it-tieni wieħed) (2009-2012) li għandu jiġi endorsjat mill-Kunsill.

### *X'kiseb s'issa l-Pjan ta' Azzjoni attwali kontra d-Drogi?*

Il-Pjan attwali jiddikjara bħala l-mira aħħarija tiegħu li:

> *"…inaqqas b'mod sinifikattiv il-prevalenza tal-użu tad-drogi fost il-popolazzjoni u jnaqqas il-ħsara soċjali u lis-saħħa tal-bniedem ikkaġunata mill-użu tad-drogi illeċiti u l-kummerċ fihom".*

---

([1]) 15074/04 CORDROGUE 77 SAN 187 ENFOPOL 187 RELEX 564

([2]) ĠU C 168, 8.7.2005, p. 1.

Ir-rapport ta' evalwazzjoni ([1]) huwa sforz konġunt bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), l-Europol u n-netwerks tal-NGOs Ewropej rappreżentati fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili. Din hija l-aktar valutazzjoni estensiva tal-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar id-drogi sal-ġurnata tal-lum u turi li l-objettivi tal-Pjan attwali ntlaħqu parzjalment:

— fl-UE għad hemm livell għoli ta' użu tad-droga. Id-data disponibbli tissuġġerixxi li l-użu tal-eroina, il-kannabis u drogi sintetiċi sar stabbli jew qed jonqos iżda l-użu tal-kokaina qed jiżdied f'numru ta' Stati Membri. In-numru totali ta' persuni fl-UE li f'xi ħin għamlu użu mid-drogi ("prevalenza matul ħajjithom kollha") — huwa stmat għal madwar 70 miljun fil-każ tal-kannabis, mill-inqas 12-il miljun fil-każ tal-kokaina, 9,5 miljun fil-każ tal-ekstasi, u 11-il miljun fil-każ tal-amfetamini, filwaqt li huwa magħruf li mill-inqas nofs miljun persuna qed jirċievu trattament ta' sostituzzjoni għal drogi bħall-eroina ([2]),

— għalkemm ma hemm l-ebda raġuni għall-kompjaċenza, id-data disponibbli għal pajjiżi komparabbli f'partijiet oħra tad-dinja turi li l-konsum tal-kannabis, tal-kokaina u ta' anfetamini fl-UE huwa iżjed baxx, b'mod sinifikanti, mill-konsum, pereżempju, fl-Istati Uniti. L-istess huwa veru għan-numru ta' infezzjonijiet b'HIV rappurtati relatati mal-injezzjonijiet tad-drogi,

— l-evalwazzjoni turi wkoll li l-linji politiċi tal-Istati Membri kontra d-drogi qed jikkonverġu u li qed ikun hemm preferenza għall-appoġġ tal-linji politiċi nazzjonali bi pjanijiet ta' azzjoni,

— l-evidenza miġbura s'issa turi li l-UE qed jirnexxielha tal-inqas trażżan il-fenomenu soċjali kumpless tal-użu u l-abbuż mifrux ta' sustanzi fost il-popolazzjoni, u li qed tiffoka dejjem aktar fuq miżuri biex tiġi indirizzata l-ħsara kkaġunata mid-drogi lill-individwi u lis-soċjetà. Huwa importanti li wieħed jinnota li hija għamlet dan minkejja l-fatt li matul il-perijodu taħt reviżjoni l-produzzjoni illeċita dinjija tal-opiates żdiedet sew u li kien hemm traffikar mingħajr preċedent ta' kokaina lejn l-UEF dan l-isfond ta' fornitura akbar sew, ir-reputazzjoni tal-UE fil-ġestjoni tal-problema tidher f'dawl aktar pożittiv,

— f'termini ta' kooperazzjoni internazzjonali, issa hemm koordinazzjoni aħjar tal-pożizzjonijiet tal-UE f'fora internazzjonali dwar id-drogi, bħal pereżempju fil-Kummissjoni tan-NU Kontra d-Drogi Narkotiċi (KDN). Barra minn hekk, l-approċċ integrat u bbilanċjata tal-UE fir-rigward tad-droga kull ma jmur qed dejjem aktar iservi ta' mudell għal pajjiżi oħra madwar id-dinja.

Il-Pjan ta' Azzjoni attwali (2005-2008) huwa eżerċizzju ambizzjuż. Filwaqt li diġà sar progress f'bosta oqsma, ġew identifikati wkoll xi nuqqasijiet.

Problemi marbuta mal-koordinazzjoni tal-politika jibqgħu jippersistu f'bosta oqsma, u minkejja li l-kwalità tal-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-użu, il-prevenzjoni u t-trattament fil-każ tad-droga fl-UE tjiebet b'mod konsistenti, għad hemm nuqqasijiet konsiderevoli fl-għarfien: hemm nuqqas persistenti ta' data affidabbli dwar il-provvista tad-drogi kif ukoll dwar l-ambitu u l-eżiti tal-assistenza relatata mad-droga lil pajjiżi terzi.

### *Kif jista' jiżdied l-impenn fis-soċjetà biex jitnaqqas l-użu tad-drogi*

Huwa ċar li l-UE jeħtieġ tagħmel iżjed biex tnaqqas l-impatt tal-problemi tas-saħħa, soċjali, tal-iżvilupp u ekonomiċi kkawżati mill-użu tad-drogi. Jekk miljuni ta' Ewropej ħadu, xi darba f'ħajjithom, id-drogi jew qed jagħmlu dan fil-preżent, jeżisti distakk bejn il-politika pubblika u l-imġiba pubblika li l-ebda soċjetà ma tista' tinjora.

Hemm evidenza li tissuġġerixxi li wieħed mill-aktar approċċi (kost-) effettivi biex jiġi indirizzat l-użu tad-drogi huwa li s-servizzi pubbliċi involuti fi prevenzjoni, trattament, tnaqqis tal-ħsara u infurzar tal-liġi, jaħdmu flimkien fi sħubija ma' organizzazzjonijiet volontarji u dawk li jipprovdu s-servizzi. Fi kliem ieħor, alleanza bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet maħluqa minnhom u għalihom.

Wasal iż-żmien li l-poplu Ewropew jitqiegħed fiċ-ċentru tal-politika f'dan il-qasam u li ċ-ċittadini Ewropej jiġu involuti aktar. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni għenet biex jiġi stabbilit il-Forum tas-Soċjetà Ċivili Ewropew kontra d-Droga, fl-2006. Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra d-Droga, il-Kummissjoni ser teżamina, matul iż-żmien tal-Pjan ta' Azzjoni li jmiss, possibilitajiet biex timmobilizza lil dawk kollha li jixtiequ jieħdu sehem f'impenn formali biex jagħmlu dak li huwa meħtieġ fil-livell tagħhom u bil-mezzi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex inaqqsu l-ħsara li d-drogi jikkawżaw lin-nies. Idea li għandha tiġi żviluppat f'dan ir-rigward hija l-formulazzjoni ta' "Alleanza Ewropea dwar id-Drogi", li timmira li timmobilizza firxa wiesgħa ta' strutturi tas-soċjetà ċivili li huma attivi kemm fil-qasam tad-drogi kif ukoll barra.

([1]) Dokument ta' Ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni — Rapport tal-Evalwazzjoni Finali tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi (2005-2008) (dok. 13407/08 ADD 3).
([2]) Ir-Rapport Annwali 2007 tal-EMCDDA.

***Lejn Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar id-Drogi 2009-2012***

L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi tittratta fenomenu kumpless li jirrikjedi approċċ għall-perijodu fit-tul biex ikun hemm bidla. L-istrateġija hija ċċentrata fuq żewġ dimensjonijiet ewlenin tal-politika dwar id-drogi, *it-tnaqqis fid-domanda għad-drogi* u *t-tnaqqis fil-provvista tad-drogi*, li huma kkumplimentati minn tliet temi trasversali, *il-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni internazzjonali* u *l-informazzjoni, ir-riċerka u l-evalwazzjoni*.

B'appoġġ għall-Istrateġija, il-Kummissjoni tipproponi Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar id-Drogi (2009-2012), li jibni fuq il-qafas eżistenti iżda anke fuq il-lezzjonijiet meħuda matul dawn l-aħħar erba' snin. B'kont debitu għal-leġislazzjoni nazzjonali, huwa jidentifika l-prijoritajiet li ġejjin:

1. **Titjib tal-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku**

Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi jista' jissaħħaħ kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali sabiex il-linji politiċi dwar id-drogi jkunu rilevanti għall-professjonisti u s-soċjetà ċivili, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu lil dawn l-istrutturi li jipprovdu informazzjoni li tgħin fil-formazzjoni tal-politika.

2. **Tnaqqis fid-domanda għad-drogi**

Jeħtieġ li ntejbu ulterjorment l-effettività tal-miżuri biex jitnaqqas l-użu tad-drogi u l-konsegwenzi tiegħu billi jittejbu l-kopertura, il-kwalità u l-effettività tal-interventi għat-tnaqqis tad-domanda, jiġifieri: is-servizzi ta' prevenzjoni, trattament u tnaqqis tal-ħsara. Dan jinkludi attenzjoni partikolari għall-gruppi vulnerabbli u l-prevenzjoni tal-użu ta' tipi ta' drogi differenti (l-użu kkombinat ta' sustanzi leċiti u illeċiti, inkluż l-alkoħol, sustanzi volatili u t-tabakk).

3. **Tnaqqis fil-provvista tad-drogi**

Neħtieġu infurzar tal-liġi aktar effettiv fil-livell tal-UE biex jiġu miġġielda l-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi, filwaqt li jsir użu sħiħ mill-kapaċitajiet tal-Europol u ta' strutturi oħar tal-UE. L-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq approċċ iggwidat mill-intelligence li sistematikament jipprijoritizza lill-fornituri li jkunu qed jikkawżaw l-akbar ħsara jew li jkunu tal-aktar theddida serja. Il-ħidma mwettqa attwalment biex jissaħħu r-rabtiet u l-koerenza bejn id-data użata mid-diversi entitatijiet tal-ĠAI tal-UE ser tkun meħtieġa b'appoġġ għal dan. Għandhom jiġu appoġġati operazzjonijet aktar ikkoordinati permezz ta' pjattaformi tas-sigurtà reġjonali. Il-pjattaformi l-ġodda għandhom jiġu stabbiliti mingħajr sovrapożizzjoni u jkunu kompatibbli mal-istrutturi eżistenti.

4. **Titjib fil-kooperazzjoni internazzjonali**

L-effettività tal-UE, id-donatur ewlieni tad-dinja fil-ġlieda għal soluzzjonijiet sostenibbli għall-problema globali tad-drogi, tibbenefika bil-bosta minn koordinazzjoni aħjar tal-linji politiċi nazzjonali u Komunitarji. Aħna lesti nintensifikaw l-impenn tagħna fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali f'dan ir-rigward, filwaqt li naffermaw mill-ġdid li kontroll effettiv tad-drogi jrid ikun ibbażat fuq il-kunċett ta' "approċċ bilanċjat" — b'enfasi fuq il-fatt li l-koltivazzjoni ta' drogi illeċiti hija komponent importanti tal-provvista tad-drogi.

5. **Titjib tal-intendiment tal-problema**

Jeħtieġ li nżidu l-għarfien tagħna dwar l-aspetti kollha tal-użu tad-drogi permezz ta' aktar riċerka u data b'koordinazzjoni aħjar, inkluża data dwar il-kriminalità relatata mad-drogi u dwar kif jaħdem is-suq tal-provvista tad-drogi illeċiti.

Il-Pjan ta' Azzjoni li ġej huwa maħsub bħala qafas għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet u biex jiżdied valur Ewropew fejn adatt.

I. **KOORDINAZZJONI**

Prijorità prinċipali: l-iżvilupp u l-implimentazzjoni aktar effiċjenti tal-politika

| Objettiv | Azzjoni | Skeda ta' żmien | Parti responsabbli | Indikaturi | Ghodda ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. Li jiġi żgurat li approċċ bilanċjata u integrat jiġi rifless fil-linji politiċi nazzjonali u fl-approċċ tal-UE lejn il-pajjiżi terzi u f'fora internazzjonali | 1. L-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE għandhom jikkoordinaw b'mod effettiv il-politika dwar id-drogi biex tirrifletti l-objettivi tal-Istrateġija tal-UE 2005-2012 kontra d-Drogi u dan il-Pjan ta' Azzjoni | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM<br>Kunsill | Objettivi tal-Istrateġija tal-UE kontra d-Drogi u Pjanijiet ta' Azzjoni inklużi fil-linji politiċi nazzjonali<br>Il-politika dwar id-droga fil-livell tal-UE tirrifletti l-objettivi tal-Istrateġija dwar id-Drogi | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| 2. Li tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva fil-livell tal-UE | 2. Il-Grupp ta' Ħidma Orizzontali tal-Kunsill dwar id-Drogi (HDG), bħala l-grupp ta' ħidma bir-responsabbiltà ta' tmexxija u gwida fir-rigward tad-drogi fil-Kunsill, għandu jikkoordina b'mod pro-attiv il-politika tal-UE dwar id-drogi. L-HDG għandu jidentifika oqsma speċifiċi ta' ħidma fi gruppi ta' ħidma oħra tal-Kunsill u jaħdem lejn koordinazzjoni effettiva | Azzjoni kontinwa | Kunsill | Gruppi ta' Ħidma Rilevanti tal-Kunsill ([1]) jinfurmaw/jinvolvu lill-HDG b'mod attiv u viċiversa | Rapport dwar il-ħidma relatata mad-drogi tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill lill-HDG |
| | 3. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jiżguraw koerenza bejn il-politika interna u esterna dwar id-drogi | Azzjoni kontinwa | COM<br>Kunsill | Koerenza miksuba bejn il-politika interna u dik esterna dwar id-drogi<br>Sal-2010: COM Komunikazzjoni dwar il-koerenza bejn il-politika interna u dik esterna dwar id-drogi | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-koordinazzjoni fil-politika interna u dik esterna dwar id-drogi |
| | 4. Il-Kunsill għandu jeżamina s-sitwazzjoni fir-rigward tal-problema tad-drogi darba fis-sena, abbażi tar-reviżjoni annwali tal-progress tal-Kummissjoni, rapporti rilevanti mħejjija mill-EMCDDA, l-Europol u l-Eurojust | Azzjoni kontinwa | Kunsill<br>COM<br>SM<br>EMCDDA<br>Europol<br>Eurojust | Konklużjonijiet tal-Kunsill | Konklużjonijiet tal-Presidenza |
| | 5. Il-Presidenza għandha torganizza laqgħat bejn il-koordinaturi nazzjonali dwar id-droga jew l-ekwivalenti tagħhom fuq bażi regolari biex il-koordinazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi u urgenti li jeħtieġu azzjoni tavvanza. Il-koordinaturi għandhom jiġu mistiedna jikkontribwixxu għall-eżami annwali tas-sitwazzjoni min-naħa tal-Kunsill fir-rigward tal-problema tad-drogi (ara l-azzjoni 4 hawn fuq) | Darbtejn fis-sena | PRES<br>SM | Impatt effettiv fuq il-koordinazzjoni tal-politika<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill | Rapport mill-Presidenza lill-HDG |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 3. Li tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva fil-livell nazzjonali | 6. B'kont meħud tal-ħidma fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fir-rigward tad-drogi fl-Istati Membri kollha tal-UE mwettqa mill-EMCDDA, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw il-koordinazzjoni inter-dipartimentali dwar id-drogi biex jiżguraw li l-pożizzjonijiet koordinati jkunu ppreżentati fil-livell tal-UE u li l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE jitmexxew għall-aktar livell implimentattiv effettiv | Azzjoni kontinwa | SM | Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri fl-HDG u fi gruppi ta' ħidma oħra huma koerenti | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rappurtar nazzjonali Reitox |
| 4. Li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-politika dwar id-drogi | 7. Mill-inqas darba fis-sena l-Kummissjoni għandha tfittex rispons dwar il-politika dwar id-drogi mill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi | Azzjoni kontinwa | COM | Il-Forum jiltaqa' mil-inqas darba fis-sena<br>Il-Kummissjoni tirrapporta l-eżitu lill-HDG | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapporti mill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi |
| | 8. Il-Kummissjoni għandha tvara inizjattiva, "L-Alleanza Ewropea dwar id-Drogi", fejn tistieden lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-UE kollha (inklużi, pereżempju, skejjel, intrapriżi kummerċjali, korpi pubbliċi u NGOs) biex jieħdu sehem f'qafas komuni mfassal biex joħloq impenn politiku dwar il-problemi tad-drogi fis-soċjetà u biex jieħdu azzjoni dwarhom | Azzjoni kontinwa | COM | Impenn wiesa' għall-Alleanza (COM) | Rapport ta' valutazzjoni tal-attività |
| | 9. L-Istati Membri għandhom jinvolvu lis-soċjetà ċivili fil-livelli adatti kollha tal-politika dwar id-drogi, skont il-prattiċi nazzjonali | Azzjoni kontinwa | COM<br>SM | Is-soċjetà ċivili tieħu sehem fid-djalogu nazzjonali<br>Tinġabar informazzjoni mis-soċjetà ċivili | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapport mill-Istati Membri lil COM |

## II. **TNAQQIS TAD-DOMANDA**

Prijorità prinċipali: It-tnaqqis tad-domanda għad-drogi, u l-konsegwenzi għas-saħħa u dawk soċjali tal-użu tad-drogi permezz tat-titjib tal-kopertura, il-kwalità u l-effettività tas-servizzi ta' prevenzjoni, trattament u tnaqqis tal-ħsara

| Objettiv | Azzjoni | Skeda ta' żmien | Parti Responsabbli | Indikatur | Għodda ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 5. Il-prevenzjoni tal-użu tad-drogi u r-risjki marbutin miegħu | 10. Azzjoni biex tkun promossa l-innovazzjoni fi, u jkunu sistematikament disponibbli, programmi u interventi ta' prevenzjoni universali bbażati fuq l-evidenza u evalwati f'sitwazzjonijiet differenti (pereżempju, immirati lejn iż-żgħażagħ f'ċentri taż-żgħażagħ, u skejjel u lejn l-adulti, fil-postijiet tax-xogħol u fil-ħabs), bil-għan li jkun prevenut jew ritardjat l-ewwel użu tad-drogi. Il-prevenzjoni għandha tkopri wkoll l-użu ta' aktar minn droga waħda (l-użu kkombinat ta' sustanzi leċiti u illeċiti, b'mod partikolari l-alkoħol) kif ukoll id-drogi u s-sewqan | Azzjoni kontinwa | SM | Disponibbiltà akbar ta' programmi evalwati u strateġiji komprensivi bbażati fuq l-evidenza fl-Istati Membri, inklużi dawk immirati lejn l-ewwel użu<br>Il-prevalenza tal-użu tad-droga fost iż-żagħżagħ u l-perċezzjoni tal-użu tad-droga bejn il-pari | Rappurtar nazzjonali Reitox<br>Stħarriġ tal-ESPAD & l-HSBC dwar it-tfal tal-iskola |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 6. Il-prevenzjoni ta' imġiba ta' riskju għoli tal-utenti tad-drogi — inkluż l-utenti tad-drogi li jinjettaw — permezz ta' prevenzjoni mmirata | 11. Azzjoni biex ikunu żviluppati ulterjorment tekniki ta' skoperta bikrija u intervent u tkun implimentata prevenzjoni selettiva evalwata u effettiva għal gruppi vulnerabbli f'riskju kbir li jiżviluppaw problemi tad-drogi, inkluż l-użu tad-drogi b'injezzjoni | Azzjoni kontinwa | SM | Tendenzi fl-użu tad-drogi<br>Analiżi tar-riskju u fatturi protettivi fl-użu tad-drogi<br>Disponibbiltà akbar ta' programmi ta' prevenzjoni mmirati evalwati skont l-eżitu fl-Istati Membri | Indikatur epidemjoloġiku ewlieni tal-PDU<br>Rappurtar nazzjonali Reitox |
| | 12. Azzjoni biex tkun żviluppata u implimentata ulterjorment prevenzjoni indikattiva effettiva u evalwata għal gruppi ta' riskju għoli speċifiċi ta' utenti li jagħmlu użu minn aktar minn droga waħda, billi jkun offrut aċċess faċli għas-servizzi li joffru pariri, għall-ġestjoni ta' imġiba problematika u ħidma ta' outreach fejn rilevanti | Azzjoni kontinwa | SM | Tendenzi fl-użu tad-drogi<br>Analiżi tar-riskju u fatturi protettivi fl-użu tad-drogi<br>Disponibbiltà akbar ta' programmi ta' prevenzjoni mmirati evalwati skont l-eżitu fl-Istati Membri | Indikatur epidemjoloġiku ewlieni tal-PDU<br>Rappurtar nazzjonali Reitox |
| 7. It-titjib tal-effettività tat-trattament mid-drogi u r-rijabilitazzjoni permezz tat-titjib tad-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi | 13. Iż-żieda tal-effettività u l-firxa ta' possibbiltajiet għat-trattament mid-drogi bbażati fuq l-evidenza li jkopru varjetà ta' approċċi psikosoċjali u farmakoloġiċi li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tal-utenti tad-drogi (inkluż trattament rilevanti adattat għal drogi ġodda jew tipi ġodda ta' użu) | Azzjoni kontinwa | SM | Tendenzi fl-eżitu u ż-żamma tad-domanda għal trattament<br>Disponibbiltà akbar ta' trattament diversifikat u bbażat fuq l-evidenza fl-Istati Membri | Indikatur epidemjoloġiku ewlieni tat-TDI<br>Rappurtar nazzjonali Reitox |
| | 14. Azzjoni biex jitwasslu l-programmi ta' rijabilitazzjoni u reintegrazzjoni soċjali innovattivi eżistenti b'eżiti li jistgħu jitkejlu u biex jiġu żviluppati oħrajn | Azzjoni kontinwa | SM | Disponibbiltà u effettività akbar, meta jkun possibbli, ta' programmi ta' rijabilitazzjoni u reintegrazzjoni fl-Istati Membri | Data dwar id-disponibbilta ta' reintegrazzjoni soċjali<br>Rappurtar nazzjonali Reitox |
| | 15. Azzjoni biex tkun irriklamata, fejn ikun il-każ, l-eżistenza ta' servizzi ta' trattament u rijabilitazzjoni u l-varjetà ta' possibbiltajiet li joffru dawn is-servizzi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali għal udjenzi ta' mira potenzjali | Azzjoni kontinwa | SM | Strateġiji ta' informazzjoni stabbiliti fl-Istati Membri<br>Reġistru pubbliku tas-servizzi disponibbli (pereżempju l-portal tal-internet) | Rappurtar nazzjonali Reitox |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 16. Azzjoni biex jiżdied l-użu ta', tkun monitorjata l-implimentazzjoni ta' u jiġu żviluppati ulterjorment alternattivi effettivi għall-ħabs għal dawk li jagħmlu użu mid-drogi u li jwettqu xi reat | Azzjoni kontinwa | SM | Disponibbiltà akbar ta' ATP<br>Monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ATP (COM) | |
| 8. Li jittejbu l-kwalità u l-effetività tal-attivitajiet għat-tnaqqis fid-domanda tad-drogi, b'kont meħud tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti tad-drogi skont is-sess, l-isfond kulturali, l-età, eċċ. | 17. Azzjoni biex jiġu żviluppati, implimentati u skambjati linji gwida dwar prattika tajba/standards ta' kwalità tal-interventi u s-servizzi ta' prevenzjoni, trattament u tnaqqis tal-ħsara | 2009-2012 | SM<br>COM<br>EMCDDA | L-eżistenza ta' linji gwida rilevanti u/jew standards ta' kwalità<br>Il-livell ta' implimentazzjoni tal-linji gwida u/jew l-istandards | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rappurtar nazzjonali Reitox |
| | 18. L-Istati Membri għandhom jistħarrġu d-disponibbiltà u l-effettività tas-servizzi tal-prevenzjoni, it-trattament, it-tnaqqis tal-ħsar u r-rijabilitazzjoni, b'risons għal ħtiġijiet speċifiċi, abbażi ta' qafas metodoloġiku li għandu jiġi żviluppat mill-Kummissjoni — bl-appoġġ tal-EMCDDA — u li jkun kompatibbli mal-metodoloġiji eżistenti | 2012 | SM<br>COM<br>EMCDDA | Qafas metodoloġiku għall-istħarriġ żviluppat<br>In-numru ta' Stati Membri li jtemmu l-istħarriġ | Inventarju tal-COM tar-rapporti ta' stħarriġ tal-Istati Membri |
| | 19. Azzjoni biex jiġi żviluppat kunsens tal-UE dwar l-istandards ta' kwalità u valuri indikattivi minimi għal interventi u servizzi ta' prevenzjoni, trattament, tnaqqis tal-ħsara u rijabilitazzjoni b'kont meħud tal-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi u l-ħidma mwettqa fil-livell nazzjonali u dak internazzjonali | 2012 | SM<br>Kunsill<br>COM<br>EMCDDA | L-iżvilupp tal-kunsens dwar l-istandards ta' kwalità u l-valuri ta' limitu għal interventi u servizzi ta' prevenzjoni, trattatment, tnaqqis tal-ħsara u rijabilitazzjoni | Proposta minn COM dwar il-kunsens tal-UE<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill |
| | 20. Azzjoni biex jiġu żviluppati, skont il-każ, servizzi għal minoranzi, inkluż, pereżempju, migranti | Azzjoni kontinwa | SM | Disponibbiltà ta' servizzi rilevanti | Rappurtar nazzjonali Reitox |
| 9. L-għoti ta' aċċess għall-kura tas-saħħa għall-utenti tad-drogi fil-ħabs għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara relatati mas-saħħa assoċjata mal-użu tad-drogi | 21. Azzjoni biex jiġu żviluppati u implimentata servizzi ta' prevenzjoni, trattament, tnaqqis tal-ħsara u rijabilitazzjoni għall-persuni fil-ħabs, li jkunu ekwivalenti għas-servizzi disponibbli barra l-ħabs. Għandha titqiegħed enfasi partikolari fuq l-kura ta' segwitu wara r-rilaxx mill-ħabs | Azzjoni kontinwa | SM | Linji politiċi u interventi implimentati speċifikament biex ikun hemm servizzi tad-drogi fil-ħabs u s-segwitu ta' dawk li m'għadhomx aktar ħabsin.<br>It-tnaqqis tal-problemi tas-saħħa marbutin mal-użu tad-droga fil-ħabs | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rappurtar nazzjonali Reitox |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 22. L-Istati Membri għandhom jendorsjaw u jimplimentaw fil-ħabsijiet indikaturi biex ikun monitorjati l-użu tad-drogi, il-problemi tas-saħħa relatati mad-drogi u l-forniment ta' servizzi tad-drogi abbażi ta' qafas metodoloġiku żviluppat mill-Kummissjoni — bl-appoġġ tal-EMCDDA li jkun kompatibbli mal-metodoloġiji eżistenti, u b'kont meħud tal-ħidma mwettqa mill-UNODC (fil-qasam tal-proġett tal-HIV/AIDS u treat.net) u mid-WHO (Saħħa fil-ħabsijiet) | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM<br>EMCDDA | Indikatur biex ikunu monitorati l-użu tad-drogi, il-problemi tas-saħħa relatati mad-drogi u s-servizzi tad-drogi ppjanati u implimentati<br>Rapport dwar il-progress | Protokoll ta' monitoraġġ standardizzat għas-sitwazzjoni u r-risponsi relatati mal-użu tad-drogi fil-ħabsijiet |
| 10. Li jiġi żgurat l-aċċess għal servizzi għat-tnaqqis tal-ħsara biex titnaqqas il-firxa tal-HIV/AIDS, l-epatite Ċ u mard infettuż ieħor li jinsab fid-demm relatat mal-użu tad-drogi u biex jitnaqqas in-numru ta' mwiet fl-UE relatati mal-użu tad-drogi | 23. Azzjoni biex ikun provdut aċċess għal, u titjieb il-kopertura ta', servizzi għat-tnaqqis tal-ħsara u l-varjetà ta' possibbiltajiet li dawn is-servizzi joffru bħala parti integrali nit-tnaqqis fid-domanda għad-drogi, billi jsir użu mill-interventi li għandhom effettività ppruvata, meta dawn ikunu disponibbli (2) | Azzjoni kontinwa | SM | COM għandha tirraporta dwar il-progress<br>Tnaqqis fil-mard infettuż relatat mad-drogi<br>Tnaqqis fin-numru ta' mwiet relatati mad-drogi<br>Kopertura aħjar tas-servizzi għat-tnaqqis tal-ħsara | Stħarriġ ta' segwitu tal-COM ta' CR 2003/488/KE<br>Indikatur epidemjoloġiku ewlieni tad-DRID<br>Indikatur epidemjoloġiku ewlieni tad-DRD |

III. **TNAQQIS TAL-PROVVISTA**

Prijorità prinċipali: Titjib li jista' jitkejjel fl-effettività tal-infurzar tal-liġi fil-qasam tad-drogi fil-livell tal-UE. L-Europol, l-Eurojust u strutturi oħra tal-UE għandhom jeżerċitaw bis-sħiħ ir-rwoli rispettivi li għalihom inħolqu, fl-interess ta' effiċjenza, kompatibbiltà mal-UE ta' inizjattivi nazzjonali, koodinazzjoni intra-UE, u ekonomiji ta' skala

| Objettiv | Azzjoni | Skeda ta' żmien | Parti Responsabbli | Indikatur | Ghodda ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 11. Li tiġi mtejba l-kooperazzjoni effettiva fl-infuzar tal-liġi fl-UE għall-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi | 24. Azzjoni biex jiġu mmirati organizzazzjonijiet kriminali u theddid li qed jiżviluppa ġdid, bl-użu ta' approċċ iggwidat mill-intelligence (ibbażat fuq il-metodoloġija tal-Mudell ta' Intelligence Kriminali Ewropew (ECIM)) li jagħti prijorità lin-netwerks kriminali u s-swieq li huma tal-akbar theddid | Azzjoni kontinwa | SM<br>Europol<br>Eurojust<br>Kunsill | Numru ta' organizzazzjonijiet kriminali li huma ta' theddida serja li huma taħt il-mira tal-Istati Membri bl-użu tal-kunċett tal-ECIM<br>Numru u natura ta' theddid li qed jiżviluppa ġdid (bħal drogi ġodda, rotot u metodi ta' traffikar ġodda, metodi ta' produzzjoni ġodda) identifikat | Valutazzjoni tal-UE ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata (VTKO) (u konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 25. Operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi multidixxiplinarji li jinvolvu lill-Europol u l-Eurojust, kif ukoll lill-pulizija, lid-dwana u lis-servizzi tal-kontroll tal-fruntiera, ser jintużaw aktar permezz ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali, gruppi konġunti ta' investigazzjoni (JIT) u operazzjonijiet doganali konġunti (JCO). L-Istati Membri ser jeżaminaw liema miżuri huma possibbli biex ikun iffaċilitat u mgħaġġel il-proċess u biex ikun inkoraġġut użu akbar ta' dawn l-istrumenti f'każijiet ta' drogi | Azzjoni kontinwa | SM<br>Europol<br>Eurojust | Numru u eżitu ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali relatati mad-drogi, JITs u JCOs<br>Numru ta' Stati Membri involuti | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapport mill-Istati Membri lil COM<br>Rapport ta' valutazzjoni dwar ir-riżultati miksuba |
| 26. Azzjoni biex tittejjeb il-kwalità tad-data tal-intelligence provduta permezz tal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol lill-Europol u l-proġetti relatati tiegħu inklużi l-Fajls ta' Ħidma ta' Analiżi (AWF). L-enfasi għandha tkun fuq il-kriminalità organizzata serja u l-kooperazzjoni minn dawk l-Istati Membri li qed ikollhom l-akbar impatt fuq is-swieq usa' tad-drogi tal-UE | 2012 | SM<br>Europol | Rapport tal-Europol li jivvaluta l-kwantità u l-kwalità tad-data riċevuta | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapport ta' valutazzjoni tal-Europol |
| 27. Implimentazzjoni ta' proġetti COSPOL relatati mad-drogi, b'attenzjoni speċjali mogħtija lil<br>— kontribut ta' livelli adatti ta' ħila fil-laqgħat ta' COSPOL<br>— valur miżjud f'termini ta' intelligence adatta u kapaċità ta' investigazzjoni, u l-użu adatt għal dan il-għan ta' Fajls ta' Ħidma Analitika (AWF) li diġà jeżistu jew oħrajn futuri | 2012 | SM<br>Europol | Ħila tal-Istati Membri rappreżentati fil-laqgħat tat-tmexxija u l-anzjanità tar-rappreżentanza tal-Istati Membri<br>Rapport tal-muturi ta' COSPOL li jivvaluta ż-żieda f'riżultati operattivi identifikabbli | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapport mill-Istati Membri lil COM |
| 28. Il-Kulleġġ tal-Pulizija Ewropew (CEPOL) [3] għandu jipprovdi taħriġ avvanzat rilevanti [4] għall-uffiċjali anzjani tal-pulizija u tad-dwana u uffiċjali ta' kollegament f'pajjiżi terzi permezz tal-kulleġġi nazzjonali għat-taħriġ tal-pulizija | Azzjoni kontinwa | CEPOL<br>SM | Kurrikulum żviluppat għall-infurzar tal-liġi dwar id-drogi<br>Taħriġ rilevanti addizzjonali inkluż f' CEPOL AWP<br>Numru ta' korsijiet ta' taħriġ<br>Numru ta' uffiċjali mħarrġa | Kurrikulum ippubblikat<br>Rapport annwali ta' CEPOL<br>Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 29. Azzjoni biex isir użu aktar sistematiku mill-uffiċjali ta' kollegament tal-Istat Membru u l-maġistrati ta' kollegament, fejn ikun il-każ, f'pajjiżi terzi għall-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol b'kont meħud tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/170/ĠAI tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-użu komuni tal-uffiċjali tal-kuntatt ippustjati barra l-pajjiż mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fil-verżjoni tal-24 ta' Lulju 2006, Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/560/ĠAI | Azzjoni kontinwa | SM<br>Europol<br>Eurojust | Żieda fil-kooperazzjoni għall-infurzar tal-liġi operattiva internazzjonali rrappurtata mill-Istati Membri, Europol, Eurojust<br>Numru ta' kooperazzjonijiet għall-infurzar tal-liġi internazzjonali | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapport ta' evalwazzjoni dwar il-kontributi mill-Istati Membri, Europol u Eurojust |
| | 30. Azzjoni biex tiġi adottata u implimentata sistema mifruxa mal-UE li permezz tagħha jista' jsir profil forensiku fir-rigward tal-infurzar tal-liġi għad-drogi sintetiċi u għal drogi oħra, fejn adatt, abbażi tal-esperjenza miksuba permezz ta' proġetti bħal SYNERGY u CHAIN, l-istruttura u l-ħila tal-Europol kif ukoll taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni, u minn attivitajiet attwali tal-Istati Membri ta' infurzar tal-liġi u esperjenzi f'dan il-qasam | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM<br>Europol | Sistema jew sistemi eżistenti | Reviżjoni tal-Progress 2012 (inkluża l-valutazzjoni tal-valur) |
| 12. Li tittejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-infurzar tal-liġi fir-rigward tal-produzzjoni, it-traffikar tad-drogi u/jew il-prekursuri, u l-money laundering relatat ma' dan it-traffiku | 31. Azzjoni biex jiġi inkoraġġut l-użu sħiħ tal-istrumenti eżistenti tal-UE dwar assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali, ta' mandati ta' arrest Ewropej, u ta' sanzjonijiet maħruġa mill-ġurisdizzjonijiet tal-Istati Membri | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM<br>Eurojust | Rapport dwar l-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet<br>Żieda fin-numru ta' talbiet ta' assistenza reċiproka<br>Żieda fin-numru ta' mandati ta' arrest Ewropej<br>Indikaturi oħra li għandhom jiġu żviluppati (ara l-azzjoni 61) | Valutazzjoni minn COM tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu tad-drogi<br>Reviżjoni tal-progress minn COM (indikaturi ġodda) |
| | 32. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw, fejn ikun il-każ, l-iżvilupp ta' programmi għall-protezzjoni tax-xhieda u l-esplorazzjoni tal-valur miżjud potenzjali ta' kooperazzjoni konġunta f'dan il-qasam | 2012 | SM<br>COM<br>Eurojust | Leġislazzjoni nazzjonali eżistenti | Rapport finali mill-Presidenza |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 33. Azzjoni biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri tal-UE sabiex tinkiseb l-applikazzjoni shiha tal-istrumenti legali relatati mar-rikonoxximent reċiproku tal-konfiska ta' ordnijiet | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM<br>Kunsill<br>Eurojust<br>Europol | Il-Komunikazzjoni ta' COM adottata<br>Valutazzjonijiet tal-assi sekwestrati | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapporti mill-Istati Membri lil COM dwar l-assi sekwestrati |
| | 34. Azzjoni biex ikun appoġġat l-istabbiliment ta' Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi effettivi fl-Istati Membri skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI u biex ikunu appoġġati ulterjorment l-Istati Membri involuti permezz tan-netwerk CARIN. Azzjoni biex ikunu appoġġati investigazzjonijiet permezz tal-Europol u AWFs tal-Europol relatati | Azzjoni kontinwa | COM<br>SM<br>Europol<br>Eurojust | Żieda fin-numru ta' investigazzjonijiet appoġġati relatati mal-intraċċar u l-identifikazzjoni tal-assi<br>Żieda fin-numru u l-valur ta' kontanti u assi kkonfiskati | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapport implimentattiv ta' COM dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI |
| 13. Li jkun hemm rispons rapidu u effettiv fil-livell operattiv, ta' politika u dak politiku għal theddid li qed jirriżulta ġdid (pereżempju drogi li qed jidhru għall-ewwel darba, rotot ġodda) | 35. Azzjoni biex jiġu stabbiliti, fejn meħtieġ, pjattaformi ta' sigurtà reġjonali (pereżempju MAOC-N, Baħar Baltiku TF) biex jiġġieldu theddid li qed jirriżulta ġdid permezz ta' risponsi operattivi kkoordinati. Azzjoni bħal din għandha tkun kompatibbli ma' arranġamenti legali u operattivi fil-livell tal-UE u bbażata fuq valutazzjonijiet ta' theddid speċifiku (ara wkoll azzjoni 48). Il-pjattaformi l-ġodda għandhom jiġu stabbiliti mingħajr sovrapożizzjoni u jkunu kompatibbli mal-istrutturi eżistenti | Azzjoni kontinwa | SM<br>Kunsill<br>Europol<br>COM | Fi żmien relattivament qasir inħolqu miżuri ta' rispons biex ir-riskju jkun ittrattat b'mod pro-attiv u biex jiġi minimizzat it-theddid<br>Żieda fin-numru ta' operazzjonijiet kriminali mfixkla (sekwestri, tibdil fil-mod kif id-droga tiġi ttraffikata)<br>Rapporti minn pjattaformi ta' sigurtà reġjonali | Rapport ta' valutazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kunsill<br>Rapport ta' evalwazzjoni tal-pjattaformi ta' sigurtà |
| | 36. L-UE għandha tiffoka fuq sforzi konġunti u kkoordinati bejn l-Istati Membri u r-reġjuni li huma l-aktar esposti għal fenomeni partikolari marbuta mal-produzzjoni/it-traffikar tad-drogi, f'kooperazzjoni mal-Europol skont il-każ | Azzjoni kontinwa | SM<br>Europol<br>Eurojust<br>Kunsill | Eżiti operattivi u strateġiċi tal-azzjoni tal-Istati Membri | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapport mill-Istati Membri lil COM |
| 14. Li titnaqqas il-produzzjoni u l-provvista ta' drogi sintetiċi | 37. L-Istati Membri għandhom, b'mod attiv, ikomplu bil-kooperazzjoni/operazzjonijiet konġunti marbutin mal-infurzar tal-liġi f'dan il-qasam u jikkondividu l-intelligence u l-aħjar prattika. Għandu jsir l-aħjar użu mill-Fajl ta' Ħidma Analitika SYNERGY tal-Europol, il-komponenti [5] tiegħu u l-EJUP u l-inizjattivi COSPOL assoċjati | Azzjoni kontinwa | SM<br>Europol<br>Eurojust | Eżiti ta' proġetti konġunti mibdija/mitmuma<br>Faċilitajiet ta' produzzjoni żmantellati rrappurtati lill-EILCS<br>Numru ta' rapporti SYNERGY li tħejjew | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 15. Li jitnaqqsu d-diverżjoni u t-traffikar fl-UE jew minnha ta' prekursuri tad-drogi użati għall-produzzjoni ta' drogi illeċiti | 38. L-UE għandha tiżviluppa pożizzjoni ċara u magħquda dwar din il-kwistjoni fil-livell internazzjonali u fil-fora internazzjonali rilevanti, abbażi tal-leġislazzjoni eżistenti u prattiki kooperattivi mas-settur privat permezz ta' koordinazzjoni effettiva permezz tal-kumitati rilevanti tal-Kunsill | Azzjoni kontinwa | COM<br>Kunsill<br>SM | Pożizzjonijiet konġunti tal-UE f'fora internazzjonali | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapport ta' COM dwar il-prattiki kollha |
| | 39. Is-servizzi doganali u tal-fruntiera għandhom jintegraw il-kontrolli tal-prekursuri f'livell strateġiku, b'hekk itejbu l-effettività tal-ġestjoni tal-kontroll tal-fruntiera billi jimplimentaw il-Sistema Komunitarja ta' Ġestjoni tar-Riskju u jikkoordinaw aktar millqrib ma' aġenziji tal-infurzar tal-liġi oħra impenjati fil-ġlieda kontra l-produzzjoni tad-drogi u t-traffikar | Azzjoni kontinwa | SM | Titjib fil-kontroll tal-prekursuri, il-kxif, is-sekwestru u t-tħejjija ta' profil tas-sitwazzjoni meta mqabbla mal-2008<br>Tfassil ta' profili għad-determinazzjoni tal-prekursuri kimiċi | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapport mill-Istati Membri lil COM |
| | 40. L-UE għandha tagħti appoġġ sħiħ lill-kooperazzjoni operattiva internazzjonali mmirata lejn il-prevenzjoni tad-diverżjoni tal-prekursuri tad-droga, bħall-proġetti PRISM u COHESION immexxijin mill-INCB. Il-kooperazzjoni operattiva fost l-awtoritajiet tal-investigazzjoni fl-UE għandha tkun appoġġata mill-qafas ta' kooperazzjoni EJUP u l-qafas ta' kooperazzjoni Europol-AWF. Dan il-qafas ta' kooperazzjoni għandu jkun ulterjorment intensifikat/utilizzat | Azzjoni kontinwa | COM<br>SM | Żieda fin-numru ta' kunsinni mwaqqfa u/jew sekwestrati | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| | 41. Mill-perspettiva tal-infurzar tal-liġi u dik iggwidata mill-intelligence, l-UE u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw bis-sħiħ il-proġetti tal-Europol relatati mad-drogi u l-EJUP, bil-ħsieb li jiġu miġġielda n-networks kriminali involuti fit-traffikar tal-prekursuri | Azzjoni kontinwa | SM<br>EJUP<br>Europol | Żieda fir-rappurtar lill-proġetti tal-Europol dwar it-traffikar tal-prekursuri mill-Istati Membri u EJUP | Rapport ta' Progress tal-Istati Membri u EJUP |
| | 42. Biex tiġi evalwata l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kontroll tal-prekursuri tad-droga u l-implimentazzjoni tagħha | Azzjoni kontinwa | COM<br>SM | Konklużjoni tal-evalwazzjoni | Rapport ippubblikat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 43. L-UE għandha tiżviluppa u tisfrutta, fejn ikun possibbli f'konsultazzjoni mal-Europol, ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi identifikati bħala s-sors ewlieni tal-perkursuri tad-drogi sintetiċi prinċipali | Azzjoni kontinwa | COM | Ftehimiet stabbiliti<br>Tnaqqis fil-kunsinni illeċiti ta' perkursuri tad-drogi mill-pajjiżi kkonċernati | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapporti mill-Istati Membri lil COM |
| | 44. Il-Kummissjoni, OLAF, Europol, EJUP u COSPOL għandhom itejbu l-kooperazzjoni inter-dixxiplinarja bil-ħsieb li jistabbilixxu inizjattivi konġunti | Azzjoni kontinwa | COM<br>SM/EJUP<br>Europol | Numru ta' laqgħat/inizjattivi konġunti interdixxiplinari stabbiliti | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |

## IV. **KOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI**

Prijorità prinċipali: It-titjieb tal-effettività tal-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tad-drogi permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-linji politiċi fl-UE. Li tiġi promossa l-projezzjoni konsistenti madwar id-dinja tal-approċċ bilanċjata Ewropew fir-rigward tal-problema tad-drogi

| Objettiv | Azzjoni | Skeda ta' żmien | Parti Responsabbli | Indikatur | Għodda ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 16. Li sistematikament jiġu inklużi interessi ta' politika tal-UE dwar id-drogi ma' pajjiżi terzi u reġjuni fejn adatt u fl-aġenda usa' ta' żvilupp u sigurtà. Li dan isir abbażi ta' ppjanar u koordinazzjoni strateġiċi bejn l-atturi kollha kkonċernati | 45. Azzjoni biex jiġi żgurat li r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi jirriflettu l-objettivi tal-Istrateġija u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE fir-rigward tad-Drogi | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM | Il-prijoritajiet tal-politika dwar id-droga riflessi dejjem aktar fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi | Ftehimiet, dokumenti ta' strateġija, pjanijiet ta' azzjoni, eċċ.<br>Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| | 46. Azzjoni biex tittejjeb l-effettività tal-oqfsa eżistenti kontra d-drogi bħall-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Koordinazzjoni bejn l-UE u l-LAC, id-Djalogu Speċjalizzat UE-Andean u tat-"Trojki tad-Drogi" ma' pajjiżi terzi u reġjuni, bl-identifikazzjoni ta' oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni u l-istabbiliment ta' indikaturi tal-eżitu | Azzjoni kontinwa | Kunsill<br>COM | Inizjattivi ta' kooperazzjoni stabbiliti u implimentati | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 47. F'konformità mad-deċiżjonijiet u l-istrateġiji politiċi tal-UE u bl-appoġġ tal-programmi ta' assistenza tal-Istati Membri u tal-KE, biex jiġi indirizzat tħassib relatat mal-problema tad-drogi fil-pajjiżi produtturi u fil-pajjiżi fuq ir-rotot (ġodda) ta' traffikar, bħall-Afrika tal-Punent, permezz ta' proġetti mmirati biex inaqsu d-domanda għad-drogi u l-provvista tagħhom, inklużi miżuri ta' żvilupp alternattiv, u biex tiġi prevenuta d-diverżjoni tal-prekursuri kimiċi. L-assistenza għandha tiġi kkoordinata, fejn ikun il-każ, mal-pjanijiet ta' azzjoni kontra d-drogi bejn l-UE u pajjiżi u reġjuni terzi ( ara l-Azzjonijiet 51 u 60) | Azzjoni kontinwa | COM<br>SM | Il-prijoritajiet tal-politika dwar id-drogi riflessi fil-proġetti ffinanzjati<br>Il-proġetti ffinanzjati jirriflettu bilanċ bejn it-tnaqqis fid-domanda u l-provvista<br>Sinerġiji stabbiliti bejn l-Istati Membri u l-programmi ta' finanzjament tal-KE | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| 48. Azzjoni biex tiżdied il-kooperazzjoni reġjonali u intrareġjonali biex titnaqqas id-domanda għad-drogi u l-provvista tagħhom f'pajjiżi terzi bl-appoġġ tal-programmi ta' finanzjament tal-Istati Membri u tal-KE, bħall-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, l-Istrument għall-Istabbiltà u l-Istrument Ewropew tal-Politika tal-Viċinat | Azzjoni kontinwa | COM<br>SM | Inizjattivi ġodda ta' kooperazzjoni interreġjonali stabbiliti u implimentati<br>Sinerġiji stabbiliti bejn l-Istati Membri u l-programmi ta' finanzjament tal-KE<br>Żieda fin-numru u l-baġit ġenerali tal-proġetti ffinanzjati | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| 49. Fl-interess tal-koordinazzjoni, biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ dwar l-assistenza tal-EU relatata mal-problema tad-drogi mogħtija lil pajjiżi terzi | Annwali | Kunsill<br>SM<br>COM | Mekkaniżmu stabbilit<br>Rapporti annwali minn dan il-mekkaniżmu<br>Ħarsa ġenerali tal-proġetti tal-KE u tal-Istati Membri relatati mad-drogi f'pajjiżi terzi | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| 50. Azzjoni biex isir stħarriġ dwar l-ambitu u l-eżitu tal-proġetti tal-KE relatati mad-drogi f'pajjiżi terzi | 2010 | COM | Stħarriġ imwettaq | Ir-rapport ta' stħarriġ tal-COM ippubblikat |
| 51. Azzjoni biex jiġu aġġornati u implimentati l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE kontra d-Drogi għar-Repubbliki Asjatiċi Ċentrali ([6]); l-Amerika Latina u l-Karibew ([7]); u l-Balkani tal-Punent u l-Pajjiżi Kandidati ([8]) | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM | Prijoritajiet identifikati<br>Livell ta' implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 52. L-użu tal-mekkaniżmu konsultattiv tal-Grupp ta’ Dublin u ż-żamma ta’ djalogu attiv mal-pajjiżi terzi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Mini Gruppi ta’ Dublin | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM<br>Grupp ta’ Dublin | Numru ta’ rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta’ Dublin implimentati | Rapporti tal-Grupp ta’ Dublin |
| 17. Il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-approċċ tal-UE għall-iżvilupp alternattiv (kif definit fid-dokument 9597/06 CORDROGUE 44 u UNODC/CND/2008/WG.3/CRP.4) f’kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi, b’kont meħud tad-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà tal-bniedem u l-kondizzjonijiet ta’ qafas speċifiċi | 53. Azzjoni biex ikun intensifikat l-appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta’ proġetti u programmi ta’ żvilupp alternattivi, filwaqt li jkun żgurat li l-interventi jkunu b’sekwenza adatta u l-assistenza għall-iżvilupp ma tkunx soġġetta għat-tnaqqis tal-koltivazzjoni tal-pjanti li minnhom jiġu prodotti drogi illeċiti u biex ikunu finanzjati inizjattivi għall-prevenzjoni tal-koltivazzjoni ta’ pjanti li minnhom jiġu prodotti drogi illeċiti | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM | Numru ta’ proġetti u programmi ffinanzjati f’konformità mal-approċċ tal-UE dwar l-iżvilupp alternattiv (9598/06 CORDROGUE 44 u UNODC/CND/2008/WG.3/CRP.4)<br>Tnaqqis rappurtat fil-koltivazzjoni ta’ pjanti li minnhom jiġu prodotti d-drogi illeċiti u tkattir tal-iżvilupp ekonomiku fil-livell tal-partijiet interessati primarji (9) f’pajjiżi terzi appoġġati finanzjarjament mill-fondi tal-UE | (Proġett/Programmi) Ftehimiet<br>Sistema interna ta’ Monitoraġġ u Evalwazzjoni ta’ Proġetti u Programmi u rapporti<br>Statistika Nazzjonali ta’ pajjiżi terzi<br>Rapporti mill-Istati Membri lil COM |
| | 54. Azzjoni biex l-iżvilupp alternattiv jiġi inkluż fl-aġenda tal-iżvilupp usa’ tal-Istati Membri u biex il-pajjiżi terzi jkunu mħeġġa jintegraw l-iżvilupp alternattiv fil-linji politiċi nazzjonali tagħhom | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM | Linji politiċi, strateġiji u pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali li jirriflettu l-kwistjonijiet relatati mad-drogi | Strateġiji għat-Tnaqqis tal-Faqar (STF), Strateġiji ta’ Assistenza għall-Pajjiżi (SAP), Strateġiji ta’ Żvilupp Nazzjonali, Pjani ta’ Azzjoni (Nazzjonali)<br>Rapporti mill-Istati Membri lil COM |
| | 55. Azzjoni b’kontribut għal inizjattivi f’ambjent ta’ drogi bil-għan tat-tnaqqis tal-faqar, il-kunflitt u l-vulnerabbiltà permezz tal-appoġġ ta’ mezzi tal-għajxien legali, vijabbli u sostenibbli | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM | Numru ta’ inizjattivi appoġġati<br>Impatt tal-inizjattivi appoġġati fuq is-sostenibbiltà ta’ sistemi ta’ modi ta’ għajxien legali:<br>— is-sigurtà alimentari u l-ħolqien tal-qligħ tal-foqra jiżdiedu,<br>— l-aċċess tal-persuni foqra għal infrastruttura soċjali u produttiva jiżdied,<br>numru ta’ proġetti evalwati li wrew impatt pożittiv | Inizjattivi<br>Rapporti mill-Istati Membri lil COM<br>Sistema interna ta’ Monitoraġġ u Evalwazzjoni ta’ Proġetti u Programmi u rapporti<br>Stħarriġ tal-linja ta’ bażi implimentat mid-WHO, id-WFP, l-FAO |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 18. Li tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-UE fil-kuntest multilaterali u jiġi promoss approċċ integrat u bilanċjat | 56. Azzjoni biex ikunu żgurati koordinazzjoni u kontinwità aħjar bejn l-HDG u d-delegazzjonijiet tal-Istati Membri għall-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi (CND), inkluż permezz tal-kondiviżjoni adatta tal-piż fost l-Istati Membri fuq l-inizjattiva tal-Presidenza | 2009 | Kunsill<br>PRES<br>SM | Il-koordinazzjoni bejn id-delegazzjonijiet ta’ Vjenna u l-HDG imsaħħa | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| | 57. Azzjoni biex jiġu mħejjija, ikkoordinati u adottati pożizzjonijiet komuni riżoluzzjonjiet konġunti tal-UE fis-CND | Azzjoni kontinwa | PRES<br>SM<br>COM<br>Kunsill | Numru ta’ riżoluzzjonijiet konġunti tal-UE<br>Il-pożizzjonijiet komuni tal-UE appoġġati minn regjuni oħra | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Indikatur ta’ Konverġenza (9099/05 CORDROGUE 27) |
| | 58. Azzjoni biex tiġi ppreżentata pożizzjoni tal-UE fil-parti ta’ livell għoli tat-52 CND dwar l-evalwazzjoni ta’ u s-segwitu għall-UNGASS ’98 ([10]), b’riflessjoni tal-prinċipji fundamentali tal-politika tal-UE dwar id-drogi | 2009 | Kunsill<br>SM<br>COM | Inklużjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE fid-Dikjarazzjoni Politika tan-NU | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| | 59. Azzjoni biex ikunu kkoordinati attivitajiet ma’ fora jew programmi internazzjonali oħra, b’mod partikolari l-UNODC, il-Grupp ta’ Pompidou, id-WHO, l-UNAIDS, id-WCO u l-Interpol | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM | Informazzjoni reċiproka regolari dwar l-attivitajiet f’fora adatti, b’mod partikolari l-laqgħat tal-HDG<br>Koordinazzjoni msaħħa | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| 19. L-appoġġ għall-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-proċess ta’ stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni | 60. Azzjoni biex tiġi provduta l-assistenza teknika u assistenza oħra meħtieġa lil dawn il-pajjiżi biex isiru familjari mal-acquis tal-UE fil-qasam tad-drogi u biex jiġu megħjuna jwettqu l-azzjonijiet meħtieġa, inklużi dawk adottati fil-pjan ta’ azzjoni dwar id-drogi mal-Balkani tal-Punent ([11]) | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM<br>Kunsill<br>EMCDDA<br>Europol | Il-pajjiżi li qed jikkonformaw dejjem aktar mal-acquis tal-UE<br>In-numru u l-kwalità tal-proġetti li tlestew<br>Avvanz fid-djalogu u/jew fil-kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-UE<br>Livell ta’ implimentazzjoni tal-pjanijiet ta’ azzjoni | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress<br>Rapporti tal-pajjiżi |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 20. Li titjieb il-kooperazzjoni mal-pajjizi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat | 61. Azzjoni biex jittejjeb id-djalogu dwar id-drogi mal-pajjizi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat f'kuntest bilaterali jew regjonali, b'mod partikolari permezz ta' sottokumitati eżistenti | Azzjoni kontinwa | SM<br>COM | Riżultat effettiv tad-djalogu | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| | 62. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi lil dawn il-pajjiżi biex jużaw l-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat biex jimplimentaw il-taqsimiet tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV relatati mad-drogi | Azzjoni kontinwa | COM | Numru ta' proġetti relatati mad-drogi implimentati taħt l-Istrument tal-PEV | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |

## V. **INFORMAZZJONI, RIĊERKA U EVALWAZZJONI**

Prijorità prinċipali: It-titjib tal-intendiment tal-aspetti kollha tal-fenomenu tal-użu tad-drogi sabiex titwessa' l-bażi tal-għarfien għall-politika pubblika u ż-żieda tas-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini tal-implikazzjonijiet soċjali u tas-saħħa marbutin mal-użu tad-drogi, u biex issir riċerka

| Objettiv | Azzjoni | Skeda ta' żmien | Parti Responsabbli | Indikatur | Għodda ta' valutazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 21. L-espansjoni tal-bażi tal-għarfien fil-qasam tad-drogi permezz tal-promozzjoni tar-riċerka | 63. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom:<br>— jidentifikaw prijoritajiet futuri tal-UE fir-rigward tar-riċerka fil-qasam tad-drogi illeċiti u l-mekkaniżmi meħtieġa biex jitkattar għarfien ġdid,<br>— jiżviluppaw approċċi u teknoloġiji ġodda,<br>— isaħħu l-kapaċità ta' riċerka permezz tal-iżvilupp u l-iffukar tad-direzzjoni strateġika tagħha u jieħdu passi biex itejbu l-kooperazzjoni fl-UE | 2009 | SM<br>COM<br>EMCDDA<br>Kunsill | Prijoritajiet ta' riċerka stabbiliti<br>Mekkaniżmi identifikati u stabbiliti | Proposta minn COM dwar ir-riċerka fl-UE<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill |
| 22. Li jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni preċiża u rilevanti għall-politika fil-qasam tad-drogi illeċiti | 64. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Punti Fokali Nazzjonali tar-Reitox [12] (PFN) bir-riżorsi meħtieġa biex jirrispettaw l-obbligi u l-istandards ta' kwalità tas-sħubija fl-EMCDDA. Il-PFNs għandhom jikkontribwixxu għall-EMCDDA abbazi ta' ftehimiet annwali u bl-appoġġ adatt mill-EMCDDA | Azzjoni kontinwa | SM<br>EMCDDA | Skambju ta' data meħtieġa għal finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni<br>Il-livell ta' finanzjament tar-Reitox u ta' riżorsi oħra jaqbel mal-ħtiġijiet<br>Il-PFN jikkontribwixxu skont standards mifthiema | Rapport annwali tal-EMCDDA dwar il-kapaċità tal-PFN<br>Rappurtar nazzjonali Reitox |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 23. Li jiġu żviluppati ulterjorment strumenti għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni fir-rigward tad-drogi u l-effettività tar-risponsi għaliha | 65. Azzjoni biex jittejbu ulterjorment u jiġu implimentati bis-sħiħ il-ħames indikaturi epidemjoloġiċi ewlenin tal-EMCDDA u l-iżvilupp ta' indikaturi u miżuri ġodda fit-tnaqqis tad-domanda għad-drogi | 2012 | SM<br>EMCDDA<br>COM | Żieda fil-konformità tal-Istati Membri mal-kriteiji tal-implimentazzjoni għall-indikaturi ewlenin<br>Titjib tal-indikaturi relatati mad-domanda għal trattament u l-użu problematiku ([13])<br>Indikaturi/miżuri għal riabilitazzjoni u reintegrazzjoni<br>Miżuri fit-tnaqqis tad-domanda għad-drogi<br>Numru ta' Stati Membri li implimentaw bis-sħiħ l-Indikatur tad-Domanda għal Trattament | Rapport ta' konformità tal-EMCDDA<br>Dokument tas-servizzi ta' COM dwar data relatata mad-drogi |
| | 66. Azzjoni biex jitwettaq studju xjentifiku biex jiġi vvalutat l-użu tal-internet bħala għodda fir-rigward tat-traffikar illeċitu tad-drogi u biex jiġi analizzat liema miżuri nazzjonali, Ewropej u/jew internazzjonali jistgħu jkunu effettivi għal din il-ġlieda | 2010 | SM<br>COM | Eżiti tal-istudju xjentifiku | Rapport tal-istudju minn COM |
| | 67. Azzjoni biex jiġu żviluppati indikaturi ewlenin għall-ġbir ta' data rilevanti għall-politika fir-rigward tal-kriminalità relatata mad-drogi, il-koltivazzjoni illegali, is-swieq tad-drogi u l-interventi maħsuba biex inaqqsu l-provvista u biex tkun żviluppata strateġija għall-ġbir ta' din id-data | Azzjoni kontinwa | COM<br>EMCDDA<br>Europol<br>SM | Indikaturi prinċipali identifikati<br>Strateġija ta' implimentazzjoni żviluppata | Dokument tas-servizzi ta' COM dwar data relatata mad-drogi |
| | 68. Azzjoni biex jiġu żviluppati strumenti analitiċi biex ikunu valutati aħjar l-effettività u l-impatt tal-politika dwar id-drogi (pereżempju għodda ta' evalwazzjoni mudell, indiċi tal-effettività tal-politika, analiżi tan-nefqa pubblika, eċċ.) | 2010 | COM<br>EMCDDA<br>SM | Strumenti analitiċi żviluppati<br>Analiżi aktar preċiża tas-sitwazzjoni fir-rigward tad-drogi | Studji ta' COM<br>EMCDDA |
| | 69. Azzjoni biex jiġi evalwat il-funzjonament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda, u jekk ikun meħtieġ, tiġi emendata | 2010 | COM<br>Kunsill<br>EMCDDA<br>Europol<br>EMEA | Valutazzjoni mwettqa<br>Emenda possibbli proposta | Rapport ta' valutazzjoni |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 24. Li tiġi żgurata evalwazzjoni kontinwa tal-politika dwar id-drogi | 70. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u jipperfezzjonaw il-linji politiċi nazzjonali dwar id-drogi fuq bażi regolari jew kontinwa | Azzjoni kontinwa | SM | Numru ta' pajjiżi li evalwaw il-linji politiċi dwar id-drogi | Rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri ppubblikati |
| | 71. Azzjoni biex tiġi ppreżentata reviżjoni annwali tal-progress lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, u biex jiġu ppreżentati indikaturi adattati/mtejba u l-mekkaniżmi ta' rappurtar għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fejn adatt u meħtieġ | Annwali | COM<br>EMCDDA<br>Europol<br>SM<br>Kunsill | Rapport annwali dwar il-progress miskub ippreżentat<br>Disponibilità ta' indikaturi rilevanti | Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress |
| | 72. Għandha titwettaq valutazzjoni esterna u indipendenti tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2005-2012 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2009-2012, segwita minn perijodu ta' riflessjoni qabel is-segwitu | 2012 | COM<br>Kunsill<br>SM | Valutazzjoni tal-kisba ta' azzjonijiet individwali<br>L-impatt fuq is-sitwazzjoni ġenerali tal-problema tad-drogi huwa magħruf | Rapport ta' evalwazzjoni esterna ppubblikat |

(1) Dawn il-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill jinkludu: il-Gruppi ta' Ħidma tal-Pulizija u dak Doganali, il-Grupp Multidixxiplinari dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa, Gruppi ta' Ħidma tal-Affarijiet Esterni u l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ekonomiċi.
(2) Din l-azzjoni hija bbażata fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2003/488/KE) dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa marbuta mad-dipendenza fuq id-droga.
(3) Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija; Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI.
(4) Inkluż l-iżmantelliment ta' laboratorji ta' drogi illeċiti.
(5) Is-Sinerġija tal-Proġett tinkludi l-Fajl ta' Ħidma Analitika (AWF), is-Sistema ta' Paragun ta' Laboratorju Illeċiti tal-Europol (EILCS) u s-Sistema tal-Logo tal-Ekstasi, din tal-aħħar inkorporata fis-Sistema ġenerali ta' Sekwestru tad-Drogi Sintentiċi tal-Europol (ESDSS).
(6) 12353/02 CORDROGUE 78 CORDROGUE 78 CODRO 1 NIS 107.
(7) 7163/1/99 REV 1 CORDROGUE 19 CODRO 2; Dikjarazzjoni tal-Port ta' Spanja — 10451/07 CORDROGUE 34 COLAT 9 AMLAT 54.
(8) 5062/2/03 REV 2 CORDROGUE 3 COWEB 76 + COR 1.
(9) 13501/1/08 REV 1 CORDROGUE 71 UD 172, Anness III.
(10) Dikjarazzjoni Politika (riżoluzzjoni S-20/2, anness) tal-għoxrin Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.
(11) 5062/2/03 REV 2 CORDROGUE 3 COWEB 76 + COR 1.
(12) Réseau Européen d'Information sur les Drogues et les Toxicomanies.
(13) L-indikatur tal-EMCDDA għandu jinġieb f'konformità mal-kriterji ta' rilevanza għas-saħħa pubblika (bħall-intensità tal-użu u l-konsegwenzi għas-saħħa) inklużi klassifikazzjonijiet internazzjonali (DSM-V/ICD-10).

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro (1)

## Id-19 ta' Diċembru 2008

(2008/C 326/10)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3940 | TRY | Lira Turka | 2,1190 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 124,74 | AUD | Dollaru Awstraljan | 2,0470 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4498 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,7100 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,92870 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,8035 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,8585 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,4309 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5448 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0329 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 832,90 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,8335 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 13,6085 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,5440 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,335 | HRK | Kuna Kroata | 7,2372 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 438,55 |
| HUF | Forint Ungeriż | 265,84 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8379 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 65,380 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7081 | RUB | Rouble Russu | 38,9660 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,0825 | THB | Baht Tajlandiż | 48,093 |
| RON | Leu Rumen | 3,9313 | BRL | Real Brażiljan | 3,3024 |
| SKK | Krona Slovakka | 30,230 | MXN | Peso Messikan | 18,3241 |

(1) *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# OMBUDSMAN EWROPEW

## Rapport Annwali 2007

(2008/C 326/11)

L-Ombudsman Ewropew ippreżenta lill-Parlament Ewropew ir-Rapport Annwali għas-sena 2007, skond Artiklu 195(1) mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea u Artiklu 3(8) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew fuq ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali li jitrattaw ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew.

Ir-Rapport Annwali, kif ukoll Ġabra fil-Qosor li tikkonsisti f'Sommarju Eżekuttiv u Statistiċi huma disponibbli mis-sit uffiċjali ta' l-internet ta' l-Ombudsman Ewropew, bl-23 lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni fuq:

http://www.ombudsman.europa.eu

Min jixtieq kopja ta' dawn il-pubblikazzjonijiet, jista' jagħmel dan bla ebda ħlas billi jikkuntattja l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew, f' dan l-indirizz:

1, Avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
F-67001 Strasbourg Cedex
Tel. (33-3) 88 17 23 13
Fax (33-3) 88 17 90 62
E-mail: eo@ombudsman.europa.eu

**Dispożizzjonijiet implementattivi**

(2008/C 326/12)

L-Ombudsman Ewropew irreveda d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2003 u li ġew emendati l-aħħar fil-5 ta' April 2004. Ir-reviżjonijiet jirriflettu l-emendi li għamel il-Parlament għall-Istatut ta' l-Ombudsman ([1]) u jagħmlu ċerti tibdiliet oħra abbażi ta' l-esperjenza li nkisbet mill-2004. Ir-reviżjonijiet se jkunu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2009.

Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt tal-Ombudsman hawnhekk:

http://www.ombudsman.europa.eu

Kopji stampati jistgħu jingħataw b'xejn mill-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew:

1, Avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
F-67001 Strasbourg Cedex
Tel. (33-3) 88 17 23 13
Fax (33-3) 88 17 90 62
E-mail: eo@ombudsman.europa.eu

([1]) Id-Deċiżjoni 2008/587/KE Euratom tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2008, li temenda d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman (ĠU L 189, 17.7.2008, p. 25).

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.